

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 279/2010****tal-31 ta' Marzu 2010****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1284/2009 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tar-Repubblika tal-Ginea**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1284/2009 tat-22 ta' Diċembru 2009 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi fir-rigward tar-Repubblika tal-Ginea, <sup>(1)</sup> u partikolarment l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1284/2009 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.

- (2) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/186/PESK <sup>(2)</sup> temenda l-Anness tal-Pożizzjoni Komuni 2009/788/PESK <sup>(3)</sup>. L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1284/2009 għandu, għalhekk, jiġi emendat skont dan,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1284/2009 qiegħed jiġi emendat kif stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 31 ta' Marzu 2010.

*Għall-Kummissjoni,  
fisem il-President,*

João VALE DE ALMEIDA

*Direttur Ġenerali għar-Relazzjonijiet Esterni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 346, 23.12.2009, p. 26.

<sup>(2)</sup> ĠU L 83, 30.3.2010, p. 23.

<sup>(3)</sup> ĠU L 281, 28.10.2009, p. 7.

## ANNEX

L-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 1284/2009 huwa emendat kif ġej:

L-annotazzjonijiet li ġejjin għandhom jitħassru:

	Isem (u psewdonimi eventwali)	Informazzjoni ta' identifikazzjoni (data u post ta' twelid (d.d.t. u p.t.t.), numru tal-passaport (Pass.)/karta tal- identità eċċ.)	Raġunijiet
2.	Maġġur-Ġeneral Mamadouba (psewdonomu Mamadou) Toto CAMARA	d.t.t: 01/01/46 Pass: R00009392	Ministru għas-Sigurtà u l-Protezzjoni Ċivili
3.	Ġeneral Sékouba KONATÉ	d.t.t: 01/01/64	Ministru għad-Difiża
16.	Kmandant Kelitigui FARO	d.t.t: 03/08/72 Pass: R0003410	
43.	Sur Kabinet (psewdonomu Kabiné) KOMARA	data tat-twelid: 08/03/50 PASS: R0001747	Prim Ministru